

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Marzu 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-392/08) ⁽¹⁾

("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 96/82/KE — Kontroll tal-perikoli ta' inċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi — Artikolu 11(1)(c) — Obbligu ta' tfassil ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni — Terminu")

(2010/C 134/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u A. Sipos, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: B. Plaza Cruz, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 11(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, kif emendata bid-Direttiva 2003/105/KE (ĠU Edizioni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 410) — Nuqqas ta' żvilupp ta' ċerti pjanijiet ta' emerġenza esterna għall-miżuri li għandhom jittieħdu barra mill-istabbilimenti.

Dispożittiv

(1) Billi ma fassalx pjanijiet ta' emerġenza esterni għall-istabbilimenti kollha previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti [inċidenti] kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħi taħt l-Artikolu 11(1)(c) tagħha.

(2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Marzu 2010 — Sviluppo Italia Basilicata SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-414/08 P) ⁽¹⁾

("Appell — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Tnaqqis tal-ghajjnuna finanzjarja — Sussidju ġenerali għall-implementazzjoni ta' miżuri ta' sostenn favur l-imprizzi żgħar u ta' daqs medju — Data limitu għall-implementazzjoni tal-investimenti — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni")

(2010/C 134/07)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Sviluppo Italia basilicata SpA (rappreżentanti: F. Sciaudone, R. Sciaudone u A. Neri, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, aġent, A. dal Ferro, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla), tat-8 ta' Lulju 2008, Sviluppo Italia Basilicata vs Il-Kummissjoni (T-176/06), li permezz tagħha l-imsemmija qorti cāħdet, minn naħa, it-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 1706, tal-20 ta' April 2006, dwar it-naqqis tal-ghajjnuna mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali mogħtija għas-sussidji globali għall-implementazzjoni ta' miżuri ta' sostenn favur imprizzi żgħar u medji li joperaw fir-Reġjun ta' Basilicata fl-Italja, fil-kuntest tal-qafas ta' appoġġ Komunitarju għall-ghajjnuna strutturali fir-reġjuni tal-Italja skont l-Oġġettiv Nru 1, u min-naħħa l-oħra, it-talba għal kumpens għad-danni li allegatament ġew ikkawżati minn din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Sviluppo Italia Basilicata SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 272, 25.10.2008.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 22.11.2008.